# Tghallem Aghraf Flusek

***Jekk taf x'inhuma is-'security features' fuq il-karti tal-flus ġenwini, allura tevita dawk foloz.***



MAHRUĠ MILL-BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## Metallic Security Thread



Karti tal-flus ġenwini għandhom ħajta metallika għaddejja minn ġol karta fuq in-naħa tal-lemin minn fuq għal isfel. Din tidher bħala serje ta' sinjali kulur il-fidda u li kontra d-dawl tidher bħala riġ dritt u sħiħ.

## Il-Watermark



Il-***Watermark*** hija xbieha fi tliet dimensjonijiet ta' ras allegorika fuq in-naħa tax-xellug tal-karta tal-flus li faċilment tingħaraf mid-definizzjoni u ċ-ċarezza tax-xbieha meta mqiegħda kontra d-dawl.

## Disinji Forma ta' Piramidi



Disinji li qishom piramidi jidhru fuq karti tal-flus ġenwini fuq wara fin-naħa tal-lemin. Dawn qegħdin hemm biex ifixklu l-għajn elettronika ta' l-*iscanners* tal-kulur.

## *Latent Image*



Il-ħxuna tas-saff tal-linka maħluqa mill-proċess ta' l-istampar *intaglio*, tippermetti li jkun hemm inkorporata stampa moħbija ġewwa d-disinn. Fil-karti tal-flus tagħna dawn huma l-ittri BCM.



Fuq karti tal-flus ġenwini fuq in-naħa ta' quddiem fin-naħa t'isfel fix-xellug tal-karta, il-***latent image*** hija viżibbli meta tħares lejha f'angolu lejn id-dawl.

## *Micro Text Line*



Il-proċess *intaglio* joffri l-faċilità li tipproduċi sa l-iċken dettal. Il-***micro text line*** ma' l-ewwel daqqa t'għajn jidher sempliċiment bħala linja. Iżda jekk tħares b'aktar attenzjoni tkun tista' taqra l-kitba.

## See-Through Features




Is-*see-through features* kollha huma stampati b'mod preċiż fuq iż-żewġ naħat tal-karta tal-flus.

Dawn is-*see-through features* jikkonsistu f'disinji stampati b'mod preċiż fuq iż-żewġ naħat tal-karta tal-flus. Meta żżomm il-karta tal-flus kontra d-dawl id-disinji stampati fuq in-naħa ta' wara jidħlu eżatt f'dawk l-ispazji mhux stampati fin-naħa ta' quddiem tal-karta tal-flus.



## *Optical Variable Ink*



Fuq in-naħa ta' wara tal-karti Lm10 u Lm20, in-naħa t'isfel tal-lemin fejn tidher id-denominazzjoni, huwa stampat b'linka ta' kwalità ***Optical Variable*** li tibdel kulurha meta wieħed iħares lejha minn ġnub differenti. Għal karti ta' Lm10 il-kuluri huma l-aħdar u l-blu filwaqt li għall-Lm20 il-kuluri huma d-deheb u l-aħdar.

## Metallic Flourescent Ink



Il-mewġ li jidher fuq quddiem in-naħa tax-xellug tal-karti tal-flus huwa stampat b'linka speċjali magħrufa bħala ***flourescent ink*** li tixgħel meta tkun esposta għal dawl ***Ultra Violet***.



Kif tidher il-karta tal-flus meta tkun esposta kollha kemm hi f'dawl ***Ultra Violet***.

## Tartan Design



Disinji ta' linji dettaljati huma stampati fuq quddiem, fuq in-naħa tal-lemin tal-karta, biex ifixklu l-mekkaniżmu ta' *Photocopiers* tal-kulur li m'għandhomx it-teknoloġija li jikkopjaw dettalji bħal dawn.